# ID-DEVOZZJONI LEJN IL-MADONNA TAR-RUŻARJU F'BIR MIFTUĦ (GUDJA)

Id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-titlu tar-Rużarju daħlet f'Malta għall-ħabta tas-seklu XVI. Billi l-patrijiet Dumnikani bdew ħidma qawwija fi tlet postijiet : ir-Rabat Malta, il-Birgu, u l-Belt Valletta fejn hemm ukoll parroċċa ta' din l-ordni.

Id-Dumnikani kienu waqqfu fratellanzi fil-Birgu, ir-Rabat, u l-Belt. Barra minn Malta insibu li eqdem fratellanza tar-Rużarju hi dik ta' Cologne fil-Ġermanja li twaqqfet fl-1475.

L-eqdem fratellanza ġewwa Malta wara dik ta' Porto Salvo, fil-Belt Valletta, insibu li kienet tas-Siġġiewi, li ġiet imwaqqfa fl-ewwel ta' Lulju 1585, b'digriet tar-reverendu Sisto Fabri.

Fl-istess sena sar intervent biex fil-parroċċa ta' Bir Miftuħ fil-Gudja, twaqqfet il-fratellanza tar-Rużarju bl-għajunua ta' l-Aministratur Djoċesan, li kien Monsinjur Libertana. L-ittra ta' konferma ta' dan ħarġet fit-23 ta' Frar 1588, fejn fl-istess data ġiet ikkonfermata dik ta' Ħaż-Żebbuġ f'Malta.

Wieħed mill-ewwel membri ta' din il-fratellanza f'Bir Miftuħ kien il-famuż arkitett Gilormu Cassar li għamel unur lirraħal tal-Gudja. Cassar għamel isem lill-ġens Malti kollu għax-xogħol sabiħ li ħalla warajh. Cassar kien lesta minn biċċa xogħol kbira fl-1577....mill-Katidral ta' San Ġwann u ismu jidher fil-kotba tal-fratellanza tar-Rużarju. Fil-knisja ta' Bir Miftuħ kien ġie awtorizzat li jsir artal iddedikat lil tar-Rużarju qabel l-1585. Bil-liberta' kollha wieħed jista' jgħid li l-Gudja kien minn ta' quddiem fid-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju f'Malta u meta l-parroċċa marret il-Gudja, il-fratellanza u l-artal ġew trasferiti fil-Knisja l-ġdida.

Meta bdew isiru l-artali tar-Rużarju, fil-gżejjer Maltin beda jidher ċertu interess mill-lat atristiku u dekorattiv fil-kwadri tar-Rużarju fejn il-Madonna kienet tiġi mdawwra bil-ħmistax-il misteru u anke skultrua fil-ġebel. Fost l-ewlenin insibu dik tas-siġġiewi u tal-Gudja fejn il-kwadru hu bl-istess format li għadna kif semmejna. Eżempju simili hu dak fir-raħal ta' Ħal Safi.

Ix-xogħol fuq il-kwadru tal-Gudja sar mill-pittur mhux daqstant magħruf iżda ta' kalibru għoli Giuseppe de Salerno, fejn fil-kwadru hemm il-persunaġġ ta' San Ġorġ (storja oħra marbuta mit-tkabbir tal-kappella ta' Bir Miftuħ).

Il-festa tar-Rużarju kienet u għada tiġi iċċelebrata fl-ewwel Ħaddd t'Ottubru. Fis-snin

sittin kienet naqset l-importantza ta' din il-festa. Kien hemm każi fejn il-fratellanza kienet tagħmel festa oħfa fl-ewwel Ħadd ta' Mejju, taħt it-titlu tal-Madonna tal-Warda, fuq skala ta' festa sekondarja. din il-festa kienet tiġi iċċelebrata f'irħula oħra fejn kien hemm il-fratellenza tar-Rużarju fuq skala iżgħar.

Il-fratellanza kienet tagħmel użu minn statwa qadima, maħduma fl-injam, mill-iskultur Senglean Antonio Chicop u tlestiet fl-1851. Tidher konessjoni fix-xogħol ta' l-istatwa li kien għamel ħdax-il sena qabel jiġiferi fl-1840, f'Santa Marija fil-Qrendi. Fl-1922 ġiet ippostjata fil-knisja tal-Lunzjata fil-Gudja fejn fl-istess sena kienet ġiet imżanżna oħra ġdida.

L-istatwa tal-fratellanza tar-Rużarju li hemm illum, inħadmet minn Anġlu Dalli magħruf bħala is-Suffari mill-Gudja, liema xogħol sar fl-1922. Din għandha l-figuri tal-Madonna bil-kuruna f'idha tal-lemin fil-waqt li idha x-xellugija qiegħda fuq spallet Ġesu' bambin li jidher wieqaf fuq sħaba. Din l-istatwa toħroġ solennement fil-festa tar-Rużarju. Il-pedestall huwa xogħol id-disinjtur Emmanuel Buhagiar.

Hemm joħroġ aspett ieħor, dak ta' statwarju Gudjan xejn magħruf la fil-Gudja, u wisq anqas barra mir-raħal tagħna... li fl-opinjoni tiegħi hija verament ħasra!! Mhux aħjar kieku inkunu aktar konxji tal-wirt kulturali tagħna?.

**REFERENZI**

Loreto J. Dalli - Mosta
Ref: AAMVP 1579 - 1608. 44r
Mikiel Fsadni pp. 279 - 280 Dumnikani fir-Rabat
AAMVP 1588 - 1602
15v - 16v

Devozzjonijiet Marjani V. Borg (1600 - 1800)Page 137
Fratellanza tar-Rużarju Gudja
Castagna p. 206 VIII